# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Albert Falzon**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Albert Falzon**, numru tal-Karta tal-identita' 646561(M) fejn ġie mixli talli nhar it-8 t'April 2014 għall-ħabta tal-11:10 ta' fil-għodu, fil-Belt Valletta :

1. Inġurja jew hedded, jew għamel offiża fil-persuna ta' waħda inkarigata skont il-Liġi u ċjoe l-gwardjana lokali G414 Natasha Diamandidis, waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet qed tagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżagħa jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-Liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;
2. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-nordni u l-paċi pubblika.

3. Li rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħasra skont l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tad-9 ta' Ġunju 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet bil-ġurament tagħha u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 2 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Paul Lia tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat id-dokumenti prodotti,

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Rat li matul is-seduta tas-7 ta' Lulju 2014 Natasha Diamandidis iddikjarat li kienet qegħda taħfer lill-imputat kif ukoll li kienet qegħda

tirtira l-kwerela li kienet għamlet u li kienet qed tirrinunzja għall-azzjoni kriminali safejn din kienet rinunzjabbli.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Illi dan il-każ tnissel wara li l-imputat, li huwa xufier mal-Perit Charles Buhagiar, li kien qed jaqdi rwol ta' konsulent governattiv, ipparkja l-vettura misjuqa minnu tal-Marka BMW bir-reġistrazzjoni DAV-320 fi Triq San Mark wara li kien wassal lil Perit Buhagiar f'dik il-parti tal-Belt. Din il-vettura ma kellha ebda sinjal li turi li kienet fuq xogħol marbut mal-Gvern ta' Malta. Il-karozza pparkeġġaha fuq double yellow line. Xi ħin wara għaddiet il-Gwardjana Lokali Natasha Diamandidis flimkien mal-kollega tagħha Melvin Darmanin bil-karozza tas-servizz u lemħet il-vettura misjuqa mill-imputat parkeġġjata f'post li kien vjetat għall-parkeġġ. Minħabba f'hekk l-istess Diamandidis, fil-qadi ta' dmirijietha, ħarġet avviż ta' kontravvenzjoni tat-traffiku u dan wara li hija kienet ġabet konferma mill-Manager tagħha Joseph Borg li kien ta' direttiva biex lil vettura minnhom li kellha reġistrazzjoni governattiva ma toħrġilhiex avviż ta' kontravvenzjoni mentri l-vetturi l-oħra li kienu mingħajr tali reġistrazzjoni toħroġilhom tali avviż (jekk kienu qed jiksru r-regolamenti tat-traffiku). Wara li għamlet hekk kien hemm raġel anżjan li staqsiha għaliex kienet qegħda tħarrikhom u hi wieġbet li l-Liġi

qegħda hemm għal kulħadd u ladarba kien hemm dawk il-vetturi parkeġġjati kontra r-regolamenti tat-traffiku u li ma kellhom ebda sinjal li kienu fuq xogħol governattiv, allura hija kienet fid-dmir li toħroġilhom l-avviż tal-kontravvenzjoni.

Aktar tard telqet minn fuq il-post, u wara ftit ħin reġgħet għaddiet minn hemmhekk. Kien f'dan il-mument li semgħet lil persuna maskili li ma kienetx tafu jsejħilha. F'dak il-mument hija kienet qed issuq il-vettura tas-servizz tagħha.

Il-varżjoni dwar x'ġara minn hawn il-quddiem hija waħda kontrastanti bejn dak li qalet Diamandidis u dak li qal l-imputat. F'ċerti dettalji, hija wkoll differenti minn dik li ta x-xhud u kollega tagħha Melvin Darmanin.

Skont Diamandidis : -

> Xhud: Iva, waqqafna ftaht it-tieqa tieghi tad-driver u bed a jghidli "ghax inti harriktna", ghidlu "jiena" urieni c-citazzjoni, rajt in-number plate u ghidilu "iva jiena harriktek" u beda jghidli "hassarhieli ghax jiena tal-Labour, fhimt, u jekk ma thassarilhiex jiena ha nghid il-Ministri u dan biex jipprocedu kontrija ghax jiena arroganti, jiena hekk", u jiena ghidlu "inti qieghed theddidni fhimt" u baqa' jirsisti li jekk ma nhassarilhux ha jaghmilli xi haga, Beda jghidli dan b'ton qawwi fhimt u kien hemm mumenti li hu dahhal idejh gewwa, go l-karozza biex jindika lil kollega tieghi imma prattikament idejh giet quddiem wicci u jiena tlabtu biex inehhi idejh, nehhiha izda iktar 'il quddiem.
>
> Qorti: Imma meta dahhal idejh, bed a jargumenta x'kien qed jaghmel?
>
> Xhud: Kien qed jitkellem ma' I-kollega tieghi imma lanqas huma gesti idejh quddiem wicci u jiena tlabtu biex inehhiha, sa dan it-tant nehhiha u fil-pront rega' dahhalha u mbaghad beda jidghi fil-pubbliku ghax jiena bqajt nghidlu "inti qieghed theddidni" uta' daqqa ta' ponn fil-bieba tieghi tad-driver, daqqa ta' sieq sorry u daqqa ta' ponn fuq il-hgiega ta' wara fil-windscreen ta' wara, imbaghad ghajjadt ghar-rapid intervention unit fuq ir-radio u gew, qaluli "min hu?", urejtulhom, gie hu "qalilhom jimporta tkellmu lili

l-ewwel qabel tkellmu lilha", il-Pulizija qallu "le, la darba jiena diga' bdejt inkellem lilha, qallu tista' tkellem lil kollega tieghi, hadna r-ritratti tal-vettura ghax peress li kien fiha daqs xejn ta' trab immarkaw id-daqqa ta' sieq u d-daqqa ta' ponn li ta.

Spettur Borg: Meta qed tghid ta' daqqa ta' sieq u daqqa ta' ponn, lil vettura ghamillha xi hsara?

Xhud: Le imbaghad iccekkjajna l-vettura u ma kienx fiha hsarat pero mmarkat id-daqqa ta' sieq.

Spettur Borg: U mmarkat qed tghidilna forsi ghax immarkat bit-trab li kellha jigifieri?

Xhud: Immarkat fit-trab li kellha imma.

Qorti: Jigifieri halliet marka fit-trab?

Spettur Borg: Mhux hsara.

Xhud: Le bhala hsarat ma. Spjegajtilhom li dan beda joffendini u jghajjarni injoranta u jiena c-citazzjoni, ghax hu ma kellu l-ebda indikazzjoni li huwa driver ta' xi Ministru ghax hu hekk beda jghidli, l-vettura kienet bin-number plates normali ghandi miktub x'inhuma bhal issa ma niftakarhomx bl-amment u keJli l-ordni li nipprocedi mill-manager stess tieghi.

Minn naħa tiegħu, il-kollega tal-parte civile Melvin Darmanin, stqarr hekk : -

Xhud: Kienu pparkjati fuq id-double yellow line. Nizlet tħarrikhom, rikbet, saqet u komplejna nduru, f'xi hin ergajna ghaddejna hemm jigifieri ma kienx hemm distanza ta' tul ta' hin u smajna lil xi ħadd jghajjat "aw warden" u ma kellniex fejn nieqfu insomma ghax it-triq dejqa u kellna l-karozzi warajna u bqajna sejrin. In the mean time biddilna ahna, niftakar kont passiggier jiena u driver hi imbaghad u ergajna ghaddejna mill-istess triq u ergajna smajna lil xi hadd jghajjat insomma u tfajna daqs xejn fil-genb go l-istess triq u gie wiehed ragel mat-tieqa taghha ghax hi kienet fuq gewwa ghax hi kienet id-driver, konna fuq dan is-side ahna, bexqet it-tieqa u qalha "inti harriktni?" u wardens jiena u hi konna biss hemm hekk jigifieri jekk tara t-ticket tal-wardens, ahna u qalha "hazin ghamilt qalha ghax jiena driver ma' 1-konsulent Laburista xi haga", qaltlu "l-karozza ma ghandha xejn xtindika li hija GVN jew hekk", qalha "ara kif ha taghmel u kkancellali t-ticket", qaltlu "jiena ma nistax nikkancella ticket", qalha "jekk ma kancellahx, nirrappurtak lil manager tieghek, nirrappurtak lil media, nirrappurtak lil Ministru jew Ministri insomma" u qaltlu "qed theddidni" u niftakar sewwa nizzel rasu hekk jigifieri gie ezatt mat-tieqa dahhal xi kemm kemm idejh minn go t-tieqa u qalli lili "qalli qed nheddidha" u jiena kif ha nkellmu qalha "jiena mhux nheddek" u għamel idejh hekk u tkellem hazin.

Spettur Borg: U meta qed tghidi1na hekk peress li qed tigi rrekordjat, tista' tispjega1na meta tghidi1na idejh kif ghami1ha bil-kliem?

Xhud: Qisu bhal meta ghamel subajh go halqu u gidmu b'dak it-ton ta' rabja, qalha "jiena mhux nheddek, qalha jiena nifqek" u fl-ebda ħin ma' miss lil hadd jigifieri u xxutja l-karozza, issa jew ixxutja jew b'idejh ma nafx jiena imma hoss ghamlet il-karozza u 1-414 saqet, 1anqas saqet, hu gie wara u ta' daqqa fuq i1-hgiega ta' wara ukoll tal-karozza imbaghad biex ma ntawwallekx gew, irrapurtajna u gew il-Pulizija u staqsewna, x'gara u mar ikellimhom hu l-Pulizija ghax dak il-hin imbaghad hekk gharaftu jiena u daqs hekk li niftakar insomma.

## Minn naħa tiegħu l-imputat jagħti dan ir-rendikont fix-xiehda tiegħu : -

Dr. Lia: kontu qed tistennew lil Ministru Bonnici?

Xhud: Kont qed nistennieh jiena ghax qalli biex intellghu fuq, ghidlu alright Perit, sa dan it-tant lanqas ghidlu li taghatni citazzjoni biex, ghid ahjar innehhiha minn hawn il-karozza, ghid ghax ma ghandux fejn jipparkja x-xufier tieghu ... u l-iehor qalli fil-kaz naghrnluha naqra fejn ilgaraxx, ghidlu issa naraw, regghet ghaddiet, jien ma ndunajtx ghax lanqas kellha sign, local warden sign xi haga, ma kellha xejn u waqfet hekk qisha thares lejja, ghidilha dalghodu bongu, ghalfejn harriktni dalghodu, ghidilha taf rna' min kont, ... ma jinteressaniex rna' min kont qaltli l-ligi ghal kulhadd, ghidilha qalulek illi qieghed hawn, kont taghtini cans innizzilha, tindahalhiex fuq xogholi, tindahalhiex fuq xogholi, il-ligi ghal kulhadd, ghidilha tkunx arroganti qed inkellmek jiena bhala ufficjal, ghidilha jiena ufficjal, ghidilha xogholi ghidilha inti sippost iktar tikkoopera maghna, ghidilha gib naqra rispett lilek innifsek, tindahalx tindahalx, tindahalx ghidilha rna' dana kollu jiena ma nindahalx ghidilha mela issa nara x'naghmel mela hux.

Dr. Lia: Ghidilha li tirrappurtaha lil ta' fuqha?

Xhud: Minuta, ghidilha insomma jiena ghal xejn qed nitlef il-hin mieghek ghax jiena xogholi qed nistenna l-Ministru Owen Bonnici gej, harget qisha mill-karozza bomba, qed theddidni ghax inti ta' l-Labour, qed theddidni ghax intta' l-Labour, ghidilha jien qed nheddek, ghidilha qed nheddek la offendejtek, ghal fejn harriktni meta qalulek imbaghad kienet hafna pastaza.

Qorti: Meta qed tghid hafna pastaza xi trid tfisser biha?

Xhud: ghax bdiet tghajjat ghax inti tal-Labour, tinsulentani.

Dr. Lia: Mhux titkellem hazin?

Xhud: Le, le, le. Kienet arroganti wisq ma kellhiex approach man nies, kienet arroganti, ma kellhiex approach mhux ta' mara ufficjali, mhux ta' warden ezempju, nies iharsu lejna imbaghad qaltli, ghidilha talli qed tkellimni hekk jiena ha nirrapurtak lis-Superjuri tieghek u I-One talli inti qed idahhal il-politika fuq ix-xoghol u mbaghad ma mortx ghax ghid mhux ikollha xi loan jew xi haga u jkeccuha u jkolli ... ic-cirasa fuq il-cake.

Dr. Lia: What ever, x'gara dak il-hin ghidilna?

Xhud: U dak il-hin gew il-Pulizija u qaltli qed taghti fuq il-karozza, qed taghti, ghidilha jiena qed naghti fuq il-karozza ghidilha fejn qed naghti fuq il-karozza, ghidilha ghidli xi hsara ghamiltlek, ghax ghamiltilha hekk, jiena tajtek daqqa fuq il-karozza, nahseb kieku tajtek daqqa fuq il-karozza naghmel damage u gie I-Pulizija, is-Surgent u rajtu jiena, ghidlu x'inqala' Surgent ... ghidlu dik tieghi ta, qalli ha nkellmek naqra ... ghidlu jimporta tkellem lili please l-ewwel ghax qed nistenna lil Ministru u mohhni fid-delegazzjoni li gejja u hadli ismi u kunjomi u mar ikellem lil warden u jiena ... ikellmu lil warden, rega' gie biex jiehu xi haga mill-licenzja, ghidlu ttellaniex il-Qorti ghidlu ghax jiena driver wahdi qalli mela hawn kaz ta' Qorti, qalli la ghamilt hsara, la agredejtha, qalli ... verbali, gew tar-Rapid unit hux ... tkellmu ma' s-Surgent u telqu lil hemm. Tkellem is-Surgent maghhom u telaq lil hemm u la ghandi xi nzid izjed u lanqas ghandi xi nnaqqas.

Dr. Lia: Ara inti heddidtha xi haga?

Xhud: jien kull ma ghidilha, ghidilha ha nirrappurtak lil Ministru hawn talli qed idahhal il-politika u kellek dan I-approach ma' n-nies meta inti sippost lili qed tghini qieghed ma' I-VIPs jien.

Dr. Lia: Ghidilha xi kliem ta' vjolenza?

Xhud: Xejn. U 1-Ispettur nista' nghidlek jien xi haga ohra?

Dr. Lia: Ehe.

Xhud: Meta baghatet ghalija l-Ispettur nghidilha grazzi ghax damet xi tlett ijiem jew erba' ghax jiena ghidilha s-Sibt biss nista' ... qaltli ma jinpurtax, qaltli l-ligi inbidlet u qaltli kieku mhux qieghed quddiemi, qaltli kieku missejtha b'subajk jiena arrestajtek, hekk qaltli, ghidilha grazzi. Damet tistenna xi tlett ijiem ghax jiena ghidilha s-Sibt ...

Dr. Lia: inti tajt xi daqqa b'idejk?

Xhud: ma tajt xejn jiena, xejn ma tajt, is-Surgent induna li ma tajt xejn .

Dr. Lia: Pero' qed narak tiggestikola hafna b'idejk?

Xhud: Heq x'naghmel mhux inkellmek qieghed.

Dr. Lia: inti ghidilha biex thassarlek it-ticket?

Xhud: le jiena ghidilha dan it-ticket issa nikkontestah u ghidilha tara kif jithassar.

Dr. Lia: Wara kellimtha inti?

Xhud: ... jiena lanqas naghrafha ghax jiena kull ma rajtha darba u taf x'jghiduli nahhewha mill-Belt il-wardens stess nahhewha mill-Belt.

Dr. Lia: Ghandek xi haga ohra xi tghid?

Xhud: Xejn, xi haga ohra please u issa din ara l-karozza li qed nuza Sur Magistrat ghax hi bdiet tghid li zgumbrajt it-triq u ghamluha white line, bhal issa qed nuza dik karozza jiena, issa hi bdiet tghid li zgumbrajt it-triq u ghalaqt it-triq u ma nafx x'ma ghamiltx, issa hemm hekk ghamluh white line biex inkunu nistghu nipparkjaw.

L-istess imputat kien ukoll irrilaxxja stqarrija lill-Ispettur Kylie Borg fejn f'dik l-istqarrija, huwa kien tenna diversi dettalji interessanti dwar kif kien żvolġa l-argument.

M Inti kont hemm meta taghtek ic-citazzjoni din il-warden?

T Le ma kontx hemm, kont gewwa. Kont tiela u niezel ghax kont qed nistenna lil Minsitru Owen. Imma lilha qalulha li jien kont qieghed hemm.

M Allura kif qed tghidli li kellmitek il-warden jekk inti ma kontx hemm?

T Ghax imbaghad jien rajtha. Peress li jien kont diehel u hiereg ghax kif ghidtlek kien gej il-Ministru, kif rajtha jien waqqaftha u ghidtilha 'ghalfejn harriktni meta qalulek li din il-karozza hija ta' hawnhekk?' u qalulha li kienet t'hemmhekk. Qalulha li jien kont diehel u hiereg. X'hin kellimtha jien ghidtilha li kont qieghed hemmhekk b'xoghol u ghidtilha li ma kienx hemm fejn nipparkja u kont qed nistenna lil ministru. Hi qaltli li ma jimpurtahiex ta' min hi u biex ma nheddidniex. U qaltli ukoll li I-Iigi qeghda hemm ghal kulhadd. Ghidtilha 'inti suppost teduka n-nies u taghti ezempju. Missek harrikt lill-ohrajn ukoll la I-ligi qeghda hemm ghal kulhadd' imbaghad jien tajt daqqa blerbgha t'iswaba tieghi, bic-catt fuq in-naha ta' fuq tal-bieba tan-naha tad-driver, u filwaqt li ghamilt hekk ghidtilha ' mur ghax jien qed nitlef il-hin u mhux se niftiehem mieghek'. Imbaghad jien tlaqt u gabet il-pulizija.

M U x'gara meta gew il-pulizija?

T II-pulziija staqsieni x'gara u jien ghidtlu li ma flahtx li lili kellmitni arroganti fuq id-deputat laborista Charles Buhagiar ghax hi qaltli 'ma jimpurtaniex x'qeghdin taghmlu hemm' imbaghad liII-ohrajn ma harkithomx.

M X'ghidtlu iktar lil pulizija?

T Ma niftakar li ghidtlu xejn iktar

M Naqblu Ii lil pulizija bdejt tghidilhom biex ma jtellghukx il-qorti ghax titlef xogholok?

T Ghidtlu Ii dan mhux kaz tal-qorti, ghax jien naf li la sawwattha u I-anqas ghamilt hsara fuq iI-vettura. Ma kellniex x'inghidu bl-idejn

M Inti apparti dan id-diskors li ghidtli li ghidtiha, tiftakar ghidtiliex xi haga ohra?

T Ma niftakarx ta. Jien ghidtilha li man-nies trid tkun edukata u ma tkunx arroganti bhalma kienet hi mieghi. Ghidtilha li suppost hi taghti I-ezempju. U ghidtilha li ezempju hi ma taghtx ghax lili u lil ta' quddiemi biss harket.

M Ara tiftakarx li ghidtilha li ser tirrappurtha lil manager taghha, u lil gazzetti u lil ministri?

T Iva ghidtilha hekk, imma ma rrapurtajtiex, ghax imbaghad bridt u ghidt li ma jmurx ikollha xi loan ta' xi dar jew karozza u jwahhluha xi haga. Ghax jien ic-citazzjoni ammettejtha

M Ara tiftakarx ukoll illi ghidtilha li hi injoranta?

T Ghidtilha li 'm'intiex taghmel xogholhok sew' mhux injoranta. Tkunx pastaza bhalma kont mieghi'

M Ara nghidx sew li t-ton li uzajt maghha ma kienx wiehed kalm?

T Ma kienex wiehed arroganti bhalma kienet hi.

M Nghid sew li ma kontx kalm?

T Hi gabitni nervuz ghax il-hin kollu tghidli 'qed theddidni'. II-hin kollu tghidli hekk minfuq li ippruvajt nedukha.

M Naqblu ukoll li fil-fixla, anke daghajt?

T Le

M Zgur minn dan?

T Iva zgur, jien m'iniex wiehed li nidghaj, inzertajt tar-ruh. Li kieku ma kontx inkun qed naghmel ix-xoghol li naghmel u I-pozzjoni tieghi. Inzertajt li jien naqra edukat u naf x'inhuma manjieri u n-nies nistmohom ta' nies.

M Ara tiftakarx li inti f'hin minnhom ghamilt il-ponn ma halqek?

T Le mhux veru. Imma niftakar li dak il-hin jien xraqt u ghamilt idi miftuha ma halqi biex nisghol fuq idi.

M Nghid sew li inti ridt li I-pulizija Ii gew fuq il-post jiehdu I-verzjoni tieghek qabel ma jiehdu taghha?

T Iva ghax kont issikkat fiI-hin peress li kont qed nistenna lil Onorevoli Buhagiar li ma jmurx johrog u ma jsibniex.

M Apparti id-daqqa fuq il-bieba, li qed naqblu li m'ghamiltx hsara fuqha, naqblu li tajt ukoll daqqa fuq il-hgiega ta' wara tal-vettura tal-wardens?

T Le ma jidhirliex ta. Issa jekk ilqattha b'idi kif kont sejjer, ma nafx. Imma jien hsara m'ghamiltx.

M B'idek biss tajt daqqiet fuq il-vettura tal-wardens?

T Iva, b'idi biss

M Inti ghal liema raguni ma kkontestajtx din ic-citazzjoni biex b'hekk tkun tista taghti 1-verzjoni ufficjali tieghek, u minflok ghazilt li tkellem lil warden wicc imb'wicc?

T Ghax jiena naf li kont qieghed fuq il-yellow line, kont diehel u hiereg biex noqghod ghassa tal-ministru. Jien kif kellmitni hadt ghalija, ma flahtiex dik il-kelma li qaltli li ma jimpurtahiex min hu d-deputat laborista Charles Buhagiar.

M Naqblu li kieku inti ma kellimtiex, ma kienetx tghidlek hekk?

T Iva, imma jien kien id-dover tieghi li inkellimha ghax kien hemm ragel li qallha li jien kont qieghed hemm.

M Tixtieq izzid xi hag'ohra?

T Le ta. Dan kollu inqala f'ghaxar minuti. Jien m'ghandiex intenzjoni li naghmillha 1-hsara lil din il-mara u li kieku hi kienet naqra edukata u jien ma kontx nervuz, kieku 1-affarijiet ma kienux jaslu s'hawn. Jien ma kienetx I-intenzjoni tieghi li nidhlu I-qorti. U kontriha m'ghandi xejn. Nahseb li l-anqas naghrafha jekk narha.

## *Ikkunsidrat : -*

Il-Qorti ikkwotat estensivament minn din it-testimonjanza ta' dawn it-tliet xiehda għaliex riedet tirriproduċi kelma b'kelma dak li intqal. Din il-Qorti waslet għall-konklużjonijiet tagħha wara li qieset it-tliet verżjonijiet flimkien u għaddiethom ilkoll mill-għarbiel tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti tista' temmen lix-xiehda tax-xhieda f'kollox jew f'partijiet minnha li jkun jidhrilha li jirriflettu s-sewwa, inkluż fejn dawn ikunu jew ma jkunux korroborati minn xiehda oħra. Xhud tista temnu f'kollox, f'parti mix-

xiehda tiegħu jew ma temnu f'xejn. Dan qiegħed jingħad mhux biss għal dak li jirrigwarda l-meritu ta' dan il-każ, iżda wkoll għal dak li jirrigwarda l-ordni li ser tagħmel dil-Qorti aktar il-quddiem.

***Ikkunsidrat : -***

Illi r-reat prinċipali li bih jinstab mixli l-imputat huwa dak li jitnissel mill-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, li kien għadu kif ġie emendat ftit tal-jiem qabel dan l-inċident billi ġew miżjuda l-pieni għal min jinstab ħati li jkun ikkommetta r-reat ta' inġurji jew theddid kontra uffiċjali pubbliċi oħra jew offiżi fuq il-persuna tagħhom.[1]

Huwa ormai stabbilit li Gwardjan Lokali huma persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku.[2] Inoltre ġie wkoll soddisfaċentement ippruvat li r-reazzjoni tal-imputat fil-konfront tal-parte civile kienet suxxitata minħabba li l-parte civile, qua gwardjan lokali kienet tatu avviż ta' kontravvenzjoni tar-regolamenti tat-traffiku u ergo materja li taqa' fil-parametri tad-doveri tas-servizz tagħha.

Il-Qorti trid ukoll tiddetermina jekk l-azzjoni kommessa mill-imputat versu l-parte civile :

---

[1] **95.** Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f 'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000).

[2] Ara f'dan is-sens "Il-Pulizija vs Joseph Ciscaldi" – Qorti tal-Appell Kriminali – 26 t'April 2001 u "Il-Pulizija vs Angelo Abela" – Qorti tal-Appell Kriminali – 21 ta' Jannar 2010.

(a) taqax taħt it-tifsira ta' inġurja jew theddida; u

(b) saretx waqt li l-imputata kienet qegħda tagħmel jew minħabba li għamlet dan is-servizz, jew saretx bil-ħsieb li tiġi mbeżżgħa jew li tiġix influwenzata kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

F'dan il-każ, il-Qorti tqis li l-parte civile tgħid li l-imputat beda jgħajjarha injoranta u joffendiha. Ma kienetx aktar speċifika dwar il-kliem li allegatament offendiha bih. Minn naħa tiegħu l-imputat ma jiċħadx li qallha kliem fis-sens li ma kienetx qed tagħmel xogħlha sew u li ma kellhiex tkun pastaża "bħal ma kont miegħi".

Biss aktar minn hekk l-aktar li l-Qorti hija preokkupata fuqu f'dan il-każ huwa l-mod kif l-imputat ġab ruħu mal-gwardjana lokali. Il-Qorti tista tifhem li l-imputat ħassu aggravat mid-deċiżjoni tal-gwardjana lokali li toħroġlu l-avviż tal-kontravvenzjoni tat-traffiku meta huwa kien xogħol mal-konsulent tal-Prim Ministru Charles Buhagiar. Pero mill-banda l-oħra messu fehem li f'dak il-mument, meta l-parte civile kienet qegħda tagħmel xogħolha, il-vettura ma kellha ebda sinjal li juri dik il-vettura ta' min kienet jew x'kienet qegħda tagħmel hemm. Fil-fatt il-gwardjana lokali kellha raġun toħroġ l-avviż tal-kontravvenzjoni tat-traffiku. U fil-fatt fl-aħħar mill-aħħar l-imputat ma kkontestax l-istess kontravvenzjoni tant li ħallasha.

Biss l-iżball li għamel l-imputat kien li meta ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-gwardjana lokali huwa ma rrikorriex għall-metodu legali biex jagħmel ir-rimostranza tiegħu. Fil-fatt kif jgħallem il-Prim Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano presjedenti l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza "Il-Pulizija vs Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze" deċiża nhar il-25 ta' Ġunju 1997, ordni leġittimu mogħti mill-pulizija jew mill-awtorita għandu dejjem jiġi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wieħed jirreklama dwar il-ġustizzja intrinsika ta' dik l-ordni. Kieku għamel hekk, dan l-inċident kien jiġi faċilment evitat. Iżda b'xorti ħażina l-imputat ma għamilx hekk u għażel li jħalli t-tempra tagħmel bih, u rrikorra għal aktar minn sempliċi rimostranza.

Il-kliem u l-aġir li huwa irrivolġa lejn il-gwardjana lokali, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kien minaċċjuż. Mhux biss il-gwardjana lokali ħassitha minaċċjata, talli l-kollega tagħha Melvin Buhagiar jgħid ukoll li qallha "jien mhux nheddek, qallha jiena nifqek". Issa din il-Qorti mhix konvinta li dan il-kliem verament intqal. Il-parte civile ma ssemmix li intużat din l-espressjoni da parti tal-imputat lejha. Biss il-komportament tal-imputat, li evidentement kien qed iħossu urtat u aggravat bil-kontravvenzjoni li kien għadu kif laqqat kellem lill-gwardjana lokali bil-herra sabiex iġiegħelha tneħħi l-kontravvenzjoni, kif ukoll għamel ġesti li, għalkemm ma kienux ta' vjolenza kbira, fil-kuntest kif saru kienu jassumu l-karattru ta' minaċċja skont il-Liġi. L-atteġġjament tal-imputat lejn il-gwardjana lokali kien wieħed ostili – tant li mhux biss beda jgħolli

jdejh u jindirizzaha bi kliem li faċilment jinftiehem li kien minaċċjuż kif ukoll talli ta' ordni lil gwardjana lokali biex tneħħi ċ-"ċitazzjoni" u li fin-nuqqas kien sejjer jirrapurtaha ma diversi awtoritajiet. Minbarra dan huwa ta' xi daqqiet (li pero ma ħallewx ħsara viżibbli) fuq il-karozza tas-servizz tal-parte civile.

Fis-sentenza "**Il-Pulizija vs Lawrence Scicluna**" deċiża mill-Imħallef W. Ħarding nhar is-16 ta' Marzu 1963 ġie ritenut li :

> Il-provi juru li l-imputat, billi ċertu Grezzju Darmanin, ġuvnott impjegat miegħu, ma riedx joħroġ bil-ġelati għall-bejgħ, u ma marx għal dan ix-xogħol, x'ħin raħ fit-triq, irrikonkorrih bil-van, Darmanin kellu jieqaf, u l-imputat kelmu bil-herra sabiex iġiegħelu jagħmel ix-xogħol... Iċ-ċirkostanzi tal-każ kienu pjuttost jistgħu jinkwadraw fattispeċje oħra, ċioe' dak ta' **minaċċja b'ordni**. Hu risaput, infatti, li minaċċa tista' tkun anke reali, ċioe' bil-fatti (ara **Maino**, comm. Art.156, paġ. 148, para 835, u **Puccioni,** Cod. Pen. Toscano Illustrato, Vol. IV paġ 642). F'dan il-każ, l-att tal-appellent li jirrinkorri lil Darmanin b'atteġġjament ostili jammonta għal minaċċa, u hemm l-aggravanti tal-ordni, għax b'dak l-att ġiet koartata l-liberta' personali ta' Darmanin.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ jidher ukoll li dan l-atteġġjament ma sarx fil-waqt li l-imputata kienet qegħda tagħmel l-avviż għall-kontravvenzjoni; iżda f'moħħ il-Qorti ma hemmx dubju li d-diverbju seħħ minħabba li għamlet din kienet għamlet dan is-servizz – u dan peress li s-suġġett tad-diverbju kien preċiżament il-fatt li l-parte ċivile kienet ikkontravvenzjonat lill-imputat; inoltre, l-atteġġjament tal-imputat hawn fuq deskritt nonche l-kliem użat minnu kien, fil-fehma tal-Qorti intiż sabiex din il-gwardjana lokali tiġi mbeżżgħa jew influwenzata kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz tagħha.

Fil-fehma tal-Qorti għalhekk dan ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni jirriżulta integrat.

Kwantu għat-tieni imputazzjoni, anke hawnhekk, il-Qorti tqis li dan ir-reat ġie integrat. Skont dak mistqarr fil-kawża "**Il-Pulizija vs Rocco D'Alessandro**" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Mejju 2013 mill-Imħallef Lawrence Quintano : -

> Il-kuncett Ingliz ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:
> 'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading mo dern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell T. Watkins L.J. said:
> 'T. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).
>
> Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib.'
>
> Il-Qorti kkwotat minn din is-sentenza 'in extenso' għaliex l-ispjegazzjoni mogħtija tista' tgħin biex il-Prosekuzzjoni tkun tista' tiddeċiedi aħjar meta għandha tagħti din l-imputazzjoni u meta le.
>
> Minn dan il-każ jirriżulta li l-prinċipju li Qorti għandha ssegwi biex tar jekk kienx hemm ksur tal-ordni pubbliku huwa jekk mill-atti jirriżultax xi għemil volontarju li minnu nnifsu jnissel xi minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna dwar l-inkolumita' fiżika ta' persuna jew proprjeta'.

F'dan il-każ, mix-xiehda tal-parte civile kif ukoll tal-kollega tagħha jirriżulta ppruvat soddisfaċentement li din l-apprensjoni u allarm fil-fatt seħħ, inkluż meta ingħataw daqqiet mal-karozza, li għalkemm ma kienux b'saħħithom biżżejjed li ħallew marki viżibbli ta' ħsara, xorta waħda kienu tali li ma jħallux dak is-sens ta' trankwillita' fiċ-ċittadinanza.

Finalment, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat ukoll li l-imputat huwa reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u dan wara li ppreżentat kopja awtentika ta' sentenza tas-6 ta' Mejju 2011 mogħtija mill-kompjant Maġistrat dottor Joseph Apap Bologna minn fejn jirriżulta li l-imputat odjern kien diġa ġie misjub ħati u kundannat fost affarijiet oħra għal żewġ reat identiċi għal dak li għalih instab ħati għalihom b'din is-sentenza tal-lum u fejn kien ukoll ġie mmultat €50 flimkien mas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan għal żmien ġimgħa. Jidher li minn dik l-esperjenza l-imputat ftit li xejn tgħallem.

**DECIDE :**

li qegħda ssib lil imputat Albert Falzon, reċidiv f'delitti, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 17(d), 95 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u qieset ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ tqis li jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tqis li mhux spedjenti

li twaħħal piena, iżda minflok li tapplika d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta billi tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' sentejn mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Inoltre stante li dan ir-reat twettaq wara d-daħla fis-seħħ tal-awment fil-pieni kontemplati għar-reat de quo, flimkien ma din l-ordni, il-Qorti qegħda wkoll tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' multa ta' elf euro (€1000).

***Ikkunsidrat ulterjorment : -***

Il-Qorti rat ukoll li għal darba darbtejn, l-imputata stqarret li hija kienet qegħda taħfer lill-imputat kif ukoll li kienet qegħda tirtira l-kwerela li kienet għamlet u li kienet qed tirrinunzja għall-azzjoni kriminali safejn din kienet rinunzjabbli.  Biss waqt ix-xiehda tagħha għaddiet kummenti li fil-fehma tal-Qorti huma inkwetanti ħafna.  Hija qalet hekk –

> Spettur Borg: Inti wara li kellimt lil Pulizija fuq dan il-kaz, kellmek xi hadd iehor rigward dan il-kaz?

Xhud: Iva cempilli l-manager tieghi u wara li jiena tkellimt ma' l-Spettura u ghamilna r-rapport, cempilli l-manager tieghi jismu Joseph Borg u beda jheddidni li jekk ma nahfirlux ha jkeccini mix-xoghol jew ha jiftahli ghax jiena kelli kawza li lanqas biss sar rapport fuqha u ma nafx ghal liema raguni beda jghidli "niftahlek dik il-kawza" imbaghad kellimni d-Direttur ghax jiena bdejt nirsisti ghax dawn mhux affarijiet u jekk jiena rrid nahfirlu hija decizjoni li ghandi nohodha jien minn jeddi u kellimni d-Direttur u anka d-Direttur tieghi kellimni biex nahfirlu.

Spettur Borg: Allura fid-dawl ta' dak li ghadek kif xehed issa, il-fatt li ghidilna li tixtieq tahfer l-ahhar darba, tista' tghidilna xi haga fuqu?

Xhud: Le dik kienet decizjoni tieghi li hadtha jien pero ma hassejthiex gusta li qaghdu joqghodu jcempluli biex jhedduni li ha jissospenduni mix-xoghol jekk ma nahfirlux.

Dawn huwa dikjarazzjoni serji ħafna u jekk dak li stqarret jirriżulta li huwa minnu, din il-Qorti ma tistax tagħlaq għajnejha għal dak li xehdet Diamandidis bil-ġurament tagħha qisu qatt ma kien xejn. Persuna ma tistax tiġi influwenzata kif tixhed jew kif ma tixhedx, jew jekk taħfirx jew le - daqskemm ma tistax tiġi influwenzata jekk mhux ukoll, skont kif qalet hi, "mhedda" "li jekk ma nahfirlux ha jkeccini mix-xoghol jew ha jiftahli ghax jiena kelli kawza li lanqas biss sar rapport fuqha u ma nafx ghal liema raguni beda jghidli "niftahlek dik il-kawza".

Fid-dawl ta' dawn l-istqarrijiet serji immens bil-ġurament, issa kulħadd irid iġorr ir-responsabbilta' ta' egħmilu. Jekk dak li seħqet dwaru Diamandidis jirriżulta li huwa minnu, allura jista' jkun hemm l-estremi tar-reat ta' korruzzjoni ta' xhud. Mill-banda l-oħra jekk dak li stqarret Diamandidis jirriżulta mhux minnu, allura hi tista' tkun passibbli, *inter alia* għar-reat ta' kalunja, jekk mhux ukoll għal sperġur.

Għalhekk il-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga din l-istqarrija ta' Natasha Diamandidis sabiex jistħarreġ jekk hemmx

lok li jittieħdu proċeduri kriminali li jistgħu jirriżultaw mill-istess investigazzjoni kontra l-persuni li jistgħu jirriżultawlu li kisru xi liġi kriminali.

***Mogħtija illum il-25 ta' Settembru 2015,***

***Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***

Sent/proċ reż somm/kont
26/08/2015 13:16:33